**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 218/2012**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs**

**Redeemer Theuma**
**(ID 444587(M))**

**Illum, 25 ta' April 2018**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat Redeemer Theuma, iben Anthony u Avon xebba Grech, imwieled il-Pieta` nhar is-17 ta' Awwissu 1987, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 444587(M) u residenti 18, Triq il-Herba, Zejtun jew Blk B1, Flat 5, Triq Marthin Luther King, Fgura;

Akkuzat talli fis-16 ta' Dicembru 2011 gewwa l-Ghassa ta' Bormla ghall-habta tas-2.30 p.m kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li

jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma s-segwenti: Nhar is-16 ta' Dicembru 2011, ghall-habta tas-2.30 p.m., l-Ispettur Frankie Sammut baghat ghal certu Alexia Attard gewwa l-Ghassa ta' Bormla, stante illi ried ikellimha u hija marret hemmhekk flimkien mal-*partner* taghha ta' dik iz-zmien ossia l-imputat odjern. Waqt li kienu gewwa l-ghassa, l-Ispettur talab lill-pulizija sabiex jaghmlu tfittxija lil Attard.[1] Skont PC 1580 Jonathan Paris, li kien prezenti fl-ghassa dak il-hin, din f'daqqa wahda nizlet tigri minn fuq 'il barra u ghalhekk huwa hareg warajha, qabadha minn idejha u rega' dahhalha gewwa l-ghassa. Dahhluha fil-kamra tas-Surgent u skont l-istess xhud, dak il-hin hija ghaddiet, lill-imputat, pakkett ossia borza tal-plastik li kien fiha xi *sachets* kontenenti sustanza suspettuza.[2] Kemm Alexia Attard, kif ukoll l-imputat odjern gew arrestati u l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-pulizija l-ghada 17 ta' Dicembru 2011.

Minn harsa lejn din l-istqarrija[3], il-Qorti tinnota illi ghalkemm gie indikat illi l-imputat inghata s-solita twissija ossia li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq li jitkellem, imma dak li jghid jista' jingieb bi prova, ma jirrizultax illi huwa nghata d-dritt li jottjeni parir legali qabel din l-istqarrija. L-istqarrija tibda sempliciment bil-kliem "*Bhal ma nibda kull stqarrija, inti tahdem*?". Fix-xhieda tieghu, l-Ispettur Frankie Sammut jghid hekk fir-rigward ta' Attard u l-imputat odjern: "*Jiena nfurmajthom li kienu arrestati u <u>tajthom id-dritt li jkellmu avukat u</u>*

[1] Ara x-xhieda tal-Ispettur Frankie Sammut, a fol. 12 sa 14 tal-process.
[2] Ara x-xhieda a fol. 26 sa 28 tal-process.
[3] Esebita a fol. 5 u 6 tal-process.

*fis-17 ta' Dicembru 2011 fis-1.00 pm hadtilhom stqarrija gewwa l-ufficju tieghi*"[4] [sottolinear tal-Qorti]. B'dan il-Qorti tifhem illi l-ewwel iz-zewg persuni arrestati nghataw id-dritt li jkellmu avukat u wara ttiehdet l-istqarrija taghhom, ghalkemm l-Ispettur fl-ebda hin ma jghid jekk l-imputat u Attard ezercitawx dan id-dritt jew irrinunzjawx ghalih. Madankollu, apparti li kif diga` inghad, fil-bidu tal-istqarrija ma giex indikat illi l-imputat kien inghata dan id-dritt u jekk iva, irrinunzjax ghalih, fl-ahhar tal-istqarrija, permezz tal-ahhar domanda, l-imputat gie mistoqsi hekk: "*Wara li tajtek cans tkellem l-avukat tieghek Dr. Anglu Farrugia, trid izzid jew tnaqqas xi haga minn dak li diga` ghidtilna*?"[5] [sottolinear tal-Qorti]. In vista tal-fatt illi fil-bidu tal-istqarrija ma gie indikat xejn dwar id-dritt tal-parir legali, kif lanqas ma giet esebita d-dikjarazzjoni tal-imputat li kien qed jirrifjuta dan il-jedd, kif solitament isir, din id-domanda tqajjem dubju dwar kemm l-imputat kien fil-fatt inghata l-istess dritt qabel beda l-interrogatorju tieghu, izda anzi dan jindika, fil-fehma tal-Qorti, illi l-imputat inghata l-opportunita` li jkellem lill-avukat tieghu biss qabel saret din il-mistoqsija. Tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti tqis illi dan id-dubju ghandu jmur favur l-imputat. Ghaldaqstant la darba b'effett mill-10 ta' Frar 2010, persuna arrestata jew suspettata kellha d-dritt li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju taghha, il-Qorti m'hijiex tqis l-istqarrija bhala prova ammissibbli skont il-ligi u qed tiskartaha, salv ghat-twegiba tal-imputat wara li ottjena parir legali ossia fejn l-istess imputat qal "*... li rrid nghid hu li dak li tatni Alexia ma nafx x'kien u ma kontx naf li qed terga' tikkonsma d-droga*".

Kemm Alexia Attard, kif ukoll l-imputat xehdu f'dawn il-proceduri. Attard tghid illi l-Ispettur baghat ghaliha gewwa l-ghassa sabiex ikellimha fuq kaz ta' missierha. Dak iz-zmien kienet tuza d-droga eroina u dahlet bid-droga fl-ghassa. Tghid illi d-droga kienet fuq il-persuna taghha. Ghall-ewwel ma tatx kaz u ma bezghetx, izda mbaghad harget barra bil-pakketti tad-droga, ghaliex hasbet illi l-imputat kien qieghed barra 'l ghassa u tathom lilu. Peress illi l-pulizija hareg warajha, zammew lill-imputat. Tghid ukoll illi hija ghaddietlu l-pakketti f'idejh, li waqqfuha bil-pakketti fl-ghassa, izda l-imputat ma kienx jaf bihom. Tghid ukoll illi dak iz-zmien ma kienx ilha f'relazzjoni mal-imputat u minhabba l-problema tad-droga, gieli kienet tkun sew mieghu u gieli le. Tghid in oltre illi d-droga lanqas kienet taghha, izda ta' terza persuna.[6]

Da parti tieghu l-imputat jghid illi dakinhar l-Ispettur cempel lil Attard u marru l-Ghassa ta' Bormla flimkien. Jghid illi huwa baqa' barra, izda f'daqqa wahda Attard bdiet tippanikja. Dahal fl-ghassa u Attard ghaddietlu xi haga, li huwa ma

---

[4] A fol. 13 tal-process.
[5] A fol. 6 tal-process.
[6] Ara a fol. 15 sa 19 tal-process.

jafx x'kienet. Jghid illi huwa ma hadhiex, "*ma lqajthiex sew*" u telaqha minn idejh. Wara gabarha l-Ispettur minn mal-art. Jghid illi l-oggett kien jikkonsisti f'boroz, imma ma jafx x'kienu u li ma kienx rahom qabel. Jahseb illi Attard kellha problema ta' droga. In kontro-ezami, l-imputat jghid illi huwa kien gharus ma' Attard, li ma kienx ilu hafna maghha dak iz-zmien, kien imur xoghol u meta kienet titlaq mid-dar, ma kienx jaf x'kienet taghmel u jghid illi qabel Attard kellha gharus iehor u ma jafx x'kienu jhawwdu jew x'kienu jaghmlu.[7]

In ezami l-Ispettur Frankie Sammut jghid illi dakinhar huwa talab lill-pulizija jaghmlu tfittxija fuq Attard u li l-pulizija raw xi oggetti jghaddu minghand Attard lill-imputat. Jghid ukoll illi da parti tieghu, dan tefaghhom mill-ewwel mal-art. In oltre l-Ispettur jghid illi Attard kienet tressqet il-Qorti u rrizulta illi d-droga li kellha fil-pussess taghha, kienet tal-istess Attard, li din kienet ghall-uzu esklussiv taghha ghaliex kienet tiehu hafna droga u kienet ghaddejja minn problemi familjari. Jghid in oltre illi huwa pproceda fil-konfront tal-imputat f'dan il-kaz ghaliex ma emminx illi l-imputat ma kienx jaf illi Attard kellha d-droga fil-pussess taghha.[8] In kontro-ezami, l-istess Spettur jghid illi huwa ma kienx prezenti meta Attard ghaddiet il-pakketti lill-imputat, izda l-pulizija nfurmawh illi dak il-hin Attard ippanikjat u ppruvat tghaddilu xi pakketti, li madankollu ma hadhomx f'idejh u telaqhom mal-art.[9]

Mir-relazzjoni esebita mill-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, jirrizulta illi s-sustanza li kienet fil-pussess ta' Alexia Attard kienet tikkontjeni d-droga eroina.[10]

**Ikkunsidrat ukoll:**

M'hemmx dubju fil-kaz odjern illi d-droga in kwistjoni kienet fil-pussess ta' Alexia Attard meta hija dahlet gewwa l-Ghassa ta' Bormla, wara li kien baghat ghaliha l-Ispettur Sammut. Ghalkemm din il-Qorti ma temminx illi l-imputat ma kienx jaf illi Attard kellha l-vizzju tad-droga, u dan ghaliex kien f'relazzjoni maghha u anke skont l-istess Attard, kien minhabba dan il-vizzju taghha, illi r-relazzjoni taghhom ma kinitx wahda stabbli, biss m'hemm l-ebda prova li tindika li l-imputat kellu xi involviment fid-droga li kienet fil-pussess ta' Attard. Anzi Attard tghid illi din kienet ta' terza persuna. Lanqas ma hemm prova illi turi li l-imputat kien konsapevoli tal-fatt illi dakinhar, Attard kellha d-droga fil-pussess taghha. Fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid illi x'hin Attard ghaddietlu l-pakketti li

[7] Ara a fol. 60 sa 65 tal-process.
[8] A fol. 12 sa 14 tal-process.
[9] A fol. 57 sa 59 tal-process.
[10] Din tinsab esebita a fol. 32 sa 42 tal-process.

wara rrizultaw li kienu jikkontjenu d-droga, huwa telaqhom mal-art u la darba skartata l-istqarrija tieghu ghar-ragunijiet fuq indikati, l-istess imputat mhux kontradett f'dan. Effettivament PC 1580 Jonathan Paris li, dak il-hin kien prezenti, fil-waqt illi jikkonferma li Attard ghaddiet il-pakketti lill-imputat, ma jghidx x'ghamel bihom l-istess imputat. L-Ispettur Sammut jghid izjed minn darba illi skont il-pulizija prezenti, l-imputat minnufih tefa' l-pakketti mal-art. L-Ispettur Sammut ma kienx prezenti waqt li sehh dan u allura x-xhieda tieghu hija xhieda fuq kliem haddiehor. Ghalkemm din ix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur ghalhekk ma taghmilx prova tal-veracita` ta' dak li ntqal, biss taghmel prova diretta illi tali kliem intqal u sa hawn din ix-xhieda tikkorrobora l-verzjoni moghtija mill-imputat fix-xhieda tieghu. La darba ghalhekk l-imputat minnufih telaq il-pakketti mal-art meta dawn gew mghoddija lilu, il-Qorti ma tarax kif din l-azzjoni tal-imputat tista' tinkwadra ruhha fir-reat ta' pussess ta' droga, ghaliex anke jekk ghall-frazzjoni ta' mument l-imputat kien fil-pussess materjali tad-droga, ma jistax jinghad illi huwa gie fil-pussess ta' dik id-droga volontarjament jew illi kellu dik ix-xjenza li trid il-ligi. Kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Anthony Axiaq** tat-8 ta' Mejju 2015:

"… *Fil-każ tad-delitt li bih ġie imputat l-appellant, u ċioè l-pussess tar-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi dik ir-raża, l-intenzjoni rikjesta mil-liġi hi dik ġenerika konsistenti fl-elementi ta' intendiment u volontá manifestati fil-konsapevolezza u r-rieda tal-elementi materjali tar-reat*. [sottolinear ta' din il-Qorti].

Fil-fehma tal-Qorti, tant ma tirrizultax il-volontarjeta` da parti tal-imputat illi skont il-provi prodotti, huwa telaq id-droga minn idejh mill-ewwel u in oltre fic-cirkostanzi, la darba m'hemmx prova illi l-imputat kien jaf illi Attard dak il-hin kellha d-droga fil-pussess taghha, iqum dubju wkoll dwar kemm l-imputat kellu x-xjenza li l-oggett mghoddi lilu kien jikkontjeni d-droga. Jidher illi dan l-incident sehh f'mument qasir ta' paniku da parti ta' Attard li ghaddiet id-droga lill-imputat gewwa l-ghassa tal-pulizija u fil-presenza tal-pulizija stess u ghalhekk ma jistax jinghad illi l-element formali tar-reat da parti tal-imputat gie ppruvat fil-grad rikjest mil-ligi.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni ma gietx sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u qed tilliberah minnha.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat